# SOĊJETA' MUŻIKALI MADONNA TAL-ĠILJU

*'Palazz il-Ġilju', Pjazza tal-Knisja,Mqabba MQB 1012, Malta*

INFO@TALGILJU.COM ·WWW.TALGILJU.COM


*VO/0204*

## ĊIRKOLARI ĠUNJU 2020

*Ninsabu fi żmien tas-sena fejn normalment inkunu qed nikkomunikaw magħkom id-dettalji taċ-ċelebrazzjonijet tal-Festa ad unur il-Madonna tal-Ġilju għas-sena 2020, iżda minħabba l-pandemija Covid-19 li laqtet lil kull wieħed u waħda minna, kellu jinbidel kollox u ridna nadattaw għal din ir-realtà ġdida.*

### Ftuħ mill-Ġdid tal-Każin u Ftuħ tal-Offerti għall-Bottegin

Kif ġie mħabbar ftit tal-jiem ilu mill-entitajiet Governattivi qed nerġgħu nibdew naraw xaqq ta' dawl u r-restrizzjonijiet qed jibdew jiġu rilaxxati. Waħda mid-deċiżjonijiet kienet il-ftuħ mill-ġdid tal-każini u għaldaqstant il-Kumitat Amministrattiv qed iħares il' quddiem biex nerġgħu nibdew niltaqgħu fis-sede tas-Soċjetà fil-jiem li ġejjin, għalkemm dejjem irridu nżommu f'moħħna in-normalità l-ġdida u dejjem irridu nsegwu r-restrizzjonijiet imposti mill-awtoritajiet.

U la qed nitkellmu fuq il-ftuħ mill-ġdid tal-każin tajjeb li ninfurmawkom li ġie deċiż li jinfetħu l-offerti ġodda għall-operat tal-bottegin għal din is-sena li ġejja. Dan wara li l-operaturi preżenti għażlu li jwaqqfu l-kuntratt. Dan sar bi qbil mall-Kumitat u minn hawn nixtiequ nroddu ħajr lis-Sinjuri Lilian u Kevin Bonnici u lill-kollaboraturi kollha tagħhom tal-kontribut tagħhom fl-operat tal-bottegin għas-snin li għaddew. L-operat tal-familja Bonnici kompla jgħolli l-livell tal-bottegin tagħna iżda sfortunatament iċ-ċirkostanzi preżenti xekklu dan l-andament pożittiv. Grazzi mill-Qalb!

Għaldaqstant, ser niftħu l-applikazzjonijiet għall-operat tal-bottegin minn Ġunju 2020 sa Awissu 2021. Kull min huwa nteressat għandu jikseb ir-regolamenti flimkien ma' l-applikazzjoni mingħand is-Segretarju s-Sur Julian Falzon (7740 6720) jew tistgħu issibuhom fuq is-sit elettroniku www.talgilju.com u tapplikaw b'mod elettroniku.

### Metodu ta' Ġbir ta' Fondi Innovattiv b'Risq l-Ispejjeż tal-Każin

Il-Kumitat qed iniedi sistema ġdida ta' ġbir ta' fondi li ser tkun aktar faċli u effettiva. Dan l-aħħar kien hemm żieda kbira fl-użu tat-teknoloġija u għalhekk qed naħtfu l-opportunità biex nagħmlu pass 'l quddiem u nibdew inħaddmu sistema ta' ġbir ta' fondi bl-użu tas-sit elettroniku uffiċjali tas-Soċjetà www.talgilju.com . Dan ifisser li mhux ser niġu nħabbtu l-bibien u kull ma jrid isir huwa li tidħlu fis-sit jew tiktbu www.store.talgilju.com/ u għafsu fuq donazzjonijiet. Għal kull donazzjoni ser tingħata irċevuta.

Il-fondi li ser jinġabru din id-darba ser imorru b'risq **l-ispejjeż rikorrenti tal-każin u spejjeż oħra relatati mat-tisbiħ tal-każin** li kompla jsir minkejja s-sitwazzjoni li sibna rwieħna fiha dan l-aħħar xhur. Infakkru lis-soċi u partitarji illi l-każin għandu ammont ta' spejjeż rikorrenti li jridu jitħallsu anke fiż-żmien fejn il-każin kien magħluq u fejn ma daħħal l-ebda qligħ mill-bottegin, attivitajiet u ġbir; kif ukoll il-Kumitat huwa kommess li jkompli jmexxi 'l quddiem il-pjanijiet tiegħu li jlesti l-proġett tal-każin fl-iqsar żmien.

Tajjeb li nfakkrukom ukoll li fi żmien pjuttost qasir is-sede tagħna għaddiet minn proġett kbir ta' rikostruzzjoni. Il-każin ġie trasformat minn wieħed antikawt u b'nuqqas kbir ta' aċċessibiltà għal każin modern u attrezzat għal kull ħtieġa. It-twaqqiegħ u l-bini mill-ġdid kienet l-akbar sfida, kemm bħala realizzazzjoni u kif ukoll finanzjarjament. Minn hawn nagħmlu l-appell tagħna sabiex bi ftit sforz tagħtu milli tistgħu għaliex aktar ma nħallsu malajr, aktar inkunu nistgħu ingawdu bis-sħiħ dan il-proġett uniku f'raħalna.

## Soċjetà Hajja u Attiva

Fil-ġimgħat li għaddew, sakemm il-każin dam magħluq saru xi xogħolijiet ta' tisbiħ tas-swali, kif ukoll tkompliet l-armatura tal-bottegin. Barra minn hekk id-diversi kumitati fi ħdan is-Soċjetà wettqu inizjattivi varji sabiex jibqgħu b'kuntatt mas-soċi u l-partitarji, speċjalment bil-media soċjali. Ġiet imnedija ukoll kummissjoni ġdida li kienet ta' xprun għal ħafna mill-inizjattivi - il-Kummissjoni Media, fejn fost oħrajn kompliet bir-rinnovar tas-sit elettroniku uffiċċjali tagħna **talgilju.com**, kif ukoll qasmet magħkom memorji tal-passat fuq il-media soċjali.

Ġest sabiħ lejn il-komunità Mqabbija kien l-aċċess li tajna lil-Kappillan tal-Imqabba Dun John P. Curmi sabiex mingħajr ebda obbligu jkun jista juża l-frekwenza li tħaddan is-Soċjetà **Tal-GiljuFM 95.4**, biex iżomm kuntatt spiritwali magħna l-Imqabbin.

Dan kollu jixhed kemm għandna Soċjetà ħajja u attiva u dejjem nadattaw għaċ-ċirkostanzi li jinqalgħu u nirringrazzjaw lil kull min ta l-kontribut tiegħu!

## Preparamenti Festa 2020

Bħal dan iż-żmien ukoll inkunu wasalna sabiex inqassmu l-fuljett annwali għall-**Festa tal-Madonna tal-Ġilju**. Din is-sena kellna niċċelebraw il-Festi Speċjali li jfakkru l-75 sena mit-twaqqif ta' l-Ewwel Banda fl-Imqabba iżda l-preparamenti kollha sfaxxaw. Pero' xejn mhu ser jaqtgħalna qalbna biex meta jasal il-waqt inkomplu fejn ħallejna u jekk Alla jrid is-sena d-dieħla nkunu nistgħu niċċelebraw flimkien dak li ma stajniex niċċelebraw din is-sena.

Fil-jiem li ġejjin ser ngħaddulkom ukoll xi dettalji rigward programm ta' inizjattivi sabiex niċċelebraw il-Festa b'mod differenti. Il-qofol ser ikun il-**Hadd 21 ta' Ġunju**, propju l-jum li fih kellha tiġi ċċelebrata l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Il-Kumitat qed jagħmel kull sforz kemm biex b'mod intern u kif ukoll b'mod estern inkunu nistgħu infakkru l-Imħabba tagħna lejn Ommna Marija bl-aktar mod devot. Ser ikun hemm ukoll l-opportunità li ngawdu flimkien ħruq ta' nar tal-ajru mill-Għaqda tan-Nar tagħna fil-ġurnata tal-Festa. Aktar dettalji ser issibuhom fuq is-sit elettroniku [www.talgilju.com](http://www.talgilju.com) u permezz tal-media soċjali.

Inħeġġu lis-Soċi u l-Partitarji kollha sabiex f'dawn il-jiem jarmaw id-djar tagħhom bl-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju jew bix-xbieha tagħha, kif ukoll intellgħu il-bnadar fuq il-bejt.

## Konklużjoni

Jekk tinnutaw is-Soċjetà tagħna baqgħet tiġġedded, torganiżża u tħejji għall-futur. Bħala Soċjetà l-parti tagħna qed nagħmluha, iżda mingħajr l-appoġġ tal-partitarji dan kollu jista' ma jirnexxix. L-għajnuna finanzjarja kienet il-qofol tas-suċċessi li ksibna bħala Soċjetà u bil-metodu ta' ġbir ta' fondi innovattiv qed nagħmluha aktar faċli biex kull min irid ikompli jikkontribwixxi b'donazzjoni, jista' jagħmilha fil-kumdità ta' dahru b'faċilità assoluta. Aħna fiduċjużi li intom il-partitarji ser tkomplu tifhmu u tagħtu l-appoġġ tagħkom u dan dejjem b'għan wieħed: dak ta' l-Imħabba Lejn Ommna Marija li l-Fidi Tagħna Lejha Huwa Mingħajr Limitu.

Grazzi mill-qalb u filwaqt li nitolbukom tkomplu ssegwu l-appelli tal-awtoritajiet sabiex żżommu s-saħħa bħala prijorita' u nevitaw perikli żejda, aħna nkomplu nżommu kuntatt magħkom permezz tal-media soċjali u komunikazzjonijiet oħra li joħorġu minn żmien għal żmien.

**GRAZZI MADONNA TA' MĦABBTEK GĦALINA**

***Kumitat Amministrattiv***